Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414
.

**MINUTI TAS-SEBGHA LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 13 ta' Ottubru 2015 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA- SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI - MS |
| | | |
| **Kunsilliera** | Sinjura | MARISA ABELA- MA |
| | Sur | RAYMOND AZZOPARDI- RA |
| | Sur | RALPH CASSAR- RC |
| | Sur | JOHN DEBONO- JD |
| | Sur | ALEX MANGION- AM |
| | Sinjura | CONNIE SCERRI- CS |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD- SE |

Kulhadd kien prezenti u fil-hin.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
Approvati unanimament wara li saret korrezzjoni fuq struttura ta' sentenza minn **Is-Sur SC propona li ghall-ghazla min-nomini ta' Gieh Ħ'Attard ikun hemm Bord li fuqu ma jkunx hemm Kunsilliera fosthom is-Sinjuri R. Bartolo.....** ghal **Is-Sur SC propona li ghall-ghazla min-nomini ta' Gieh Ħ'Attard ikun hemm Bord li fuqu ma jkunx hemm Kunsilliera. Gew proposti is-Sinjuri R. Bartolo.....**

2. **PUNTI MQAJJMA**
Fuq punt imqajjem mis-Sur MS, is-Sur SC qal li fi Triq Ganni Portelli ha ssir rampa pulita u l-*Project Co-ordianator* jinsab infurmat.

Is-Sur RC fakkar fuq il-gbir ta' tessuti sabiex jigu kkunsidrati granet ghas-sena d-diehla f'Marzu/Gunju/Ottubru. Tista' tigi kkunsidrata xi *extra call* ukoll bhalha *fundraising.*
Is-Sur RC propona wkoll li tinghata nformazzjoni fuq il-kalendarju dwar il-gbir ta' Skart Goff kif ukoll fuq is-*Civic Amenity Site.* Propona wkoll li flok dik is-sigra li nqalghet minn Triq Sant'Anton tinzera ohra li ma taghmilx hsara lid-drenagg.
Is-Sur AM saqsa jekk il-pjanti ta' Triq il-Linja/Ghenba gewx approvati minn TM biex jekk fil-kaz imorru fuq il-pubbliku. Is-SE qalet li ghadu qed jahdem fuqhom il-Perit.

3. **KORRISPONDENZA**

Giet imressqa din il-korrispondenza:
- E-mail minghand JCI (Junior Chamber International) sabiex grupp ta' zghazagh f'volontarjat jiltaqghu f'post provdut mill-Kunsill. Il-Kunsill offra l-ufficcini tieghu sakemm dawn ma jigux uzati iktar minn darba fix-xahar.
- Talba mill-Attard Subbuteo Club sabiex jixtru *tracksuits* biex ikunu jistghu jikkompetu barra u waqt il-kompetizzjonijiet li se jsiru waqt il-vizita' tad-Delegazzjoni Franciza. Il-Kunsill qabel mal-ispiza ta €368 + l-*embroidery.*
- Ittra minghand is-Sur Paul Azzopardi sabiex titnehha *sleeping policeman* li ghadha kif giet installata fi Triq A. Durer. Is-Sur Cordina qal li n-nies intbaghtitilhom karta u ma kienx hemm oggezzjonijiet m'ghand hadd imma ghal xi raguni s-Sur Azzopardi ma rcevijiex. Il-Kunsill qabel li ma jistax kull darba li

ssir xi haga din terga' titnehha, apparti li qeghda ftit l'hemm mis-Sur Azzopardi. Gie deciz li din ghandha tibqa'.

- Il-bank talab lis-Segretarju u s-Sindku sabiex jinfetah kont bankarju kurrenti biex jithallsu kontijiet relatati ma' fondi mghotija mir-Regjun. Il-Kunsill qabel u irrizolva permezz ta' Rizoluzzjoni ffirmata li dan il-kont ghandu jinfetah.
- Empire Cinema Offer: is-SE proponiet li tigi organizzata harga ghat-tfal ghac-cinema b'minimu ta' 20 persuna sabiex jaraw film ghall-prezz ta' €3. Il-Kunsill qabel li din il-harga ssir u jiehdu hsiebha s-Sinjuri Scerri u Abela flimkien mas-Segretarju Ezekuttivu l-istaff.
- Petizzjoni minghand residenti fi Triq Oliver Agius sabiex jittiehdu mizuri biex jitnaqqas it-traffiku minn din it-triq. Is-SE qalet li ma jghaddix xi kwantita' ta' traffiku minn din it-triq u apparti hekk il-proposti jqumu l-flus biex jigu attwati. Gie deciz li tintbaghat l-applikazzjoni kif inhi u wara jaraw xi tkun approvat Transport Malta.
- Stima tar-railing propost mis-Sur MS minghand JCS Limited. It-total minghajr installazzjoni tela' ghall-€8,312.49. Ghaldaqstant gie deciz li peress l-ammont jeccedi l-massimu sabiex jingabu iktar kwotazzjoni ghandha tinhareg tender. Din ha tinhareg f'Jannar 2016.
- E-mail minghand organizzaturi sabiex tittella' serata OH HOLY NIGHT mis-St. Paul Chamber Ensemble nhar is-Sibt, 12 ta' Dicembru 2015 bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Din it-talba giet milqugha u l-Kunsill sa jiehu hsieb xi *media relations* sabiex issir promozzjoni ghall-attivita'.
- E-mail minghand is-Sinjorina Maria Zammit rigward Memo 8/2015 *progressions* minhabba li skond ir-*records* taghha is-Sinjura Julie Cachia kienet due ghall-*progression to scale* 14. Is-SE nfurmat lill-Kunsill li b'effett mill-1 ta' Settembru is-Sinjura Cachia ha titla' minn skala 15 ghal skala 14.

  Gie deciz ukoll li dakinhar tal-harga tittella' l-esebizzjoni tal-Presepji maghmulin waqt Skolasajf u Kartolini filwaqt li l-Accordian Band idoqq innijiet brijjuzi tal-Milied.

**4. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI OTTUBRU**

Approvati wara li saru mistoqsijiet fuq il-pagamenti ta' Julian Micallef, fjuri ghall-bosta funerali, Globe Stationery li l-kont kien ta' xaharejn, Dieter Falzon fejn gie kjarifikat li s-somma hija ghall-bosta xoghlijiet u Gabriel Bajada, xoghol li sar fuq il-progett taz-zghazagh Around Malta in 54 Cards.

**5. PROGRAMM PROVIZORJU GEMELLAGG**

Is-Sur Stefan Cordina propona li tinxtara tifkira ghas-Sur Remigio Bartolo li ha hsieb il-gemellagg tul dawn il-granet kollha bi programm dettaljat u kwazi finalizzat ghall-meta jaslu l-Francizi. Kulhadd qabel.

Is-Sur Alfred Zammit propona li peress li s-Sur John Bonnici kien ha parti fil-gemellagg tas-sena l-ohra fejn id-Delegazzjoni Maltija zaret Elancourt ghandu jigi mistieden ghall-ikla mad-Delegazzjoni dakinhar tal-Hamis, is-Seracino's Cafe'. Gie deciz ukoll li jsir platt kommemorattiv bil-kliem. **Fl-okkazzjoni tal-Gemellagg ta' Ħ'Attard m'Elancourt 1/11/2015.**

**Is-SE nfurmat lill-Kunsill li kienet sa tkun fuq bejn it-3 u 6 ta' Novembru 2015 gewwa Brussels**

**6. JUM Ħ'ATTARD/GIEH Ħ'ATTARD UPDATE**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kollox lest ghal Jum Ħ'Attard u n-nomini ghalqu wkoll. In-nomini mitfughin kienu ghal: Prof.Henry Frendo, Carmen Attard, Stefania Vella, Nikola

Azzopardi, Marthese Busuttil Cassar, Maria Dolores Amodio. Is-Sur MS qal li kienet ideja tajba li n-nomini tqassmu fid-djar ghax il-konkorrenza kienet ahjar.

Wara diskussjoni kemmxejn fit-tul gie deciz li Gieh Ħ'Attard jinghata lil Professur Henry Frendo filwaqt li l-kumplament jinghataw Unur Ħ'Attard flimkien mal-Eks Kunsillier John Bonnici.

**7. TIGDID TA' *TELEWORKING AGREEMENT* TAS-SEGRETARJU EZEKUTTIV**

Is-SE ressqet ghall-approvazzjoni it-tigdid tat-*Teleworking Agreement* taghha. Is-Sur A. Zammit intervjena u qal li dan it-*Teleworking* kellu jkun ghall-sena biss u issa ma jistax jifhem kif qed jintalab li jiggedded ghat-tielet darba. Qal ukoll li fejn kienet tahdem in-neputija tieghu nehhewlhom it-*Teleworking* ghax sabu li mhux qed jirrendi. Is-SE qalet li hi ma tafx x'tip ta' xoghol kienet taghmel in-neputija tieghu imma hi taghmel hafna xoghol mid-dar fosthom l-*accounting* kollu u gieli anka f'hinijiet tard filghaxija. Hi kompliet li t-tender tal-*accounting* inharget bl-imputting b'kollox, imma biex jigu frankati flus lill-Kunsill preferiet tibqa' taghmlu hi.

Kompliet billi qalet li t-*teleworking* huwa parti mill-inizjattivi taz-zewg gvernijiet kemm dak precedenti kif ukoll dak ezistenti u li qed jigi promowtjat sabiex in-nisa jkomplu jahdmu waqt li jiehdu hsieb uliedhom. Hi tenniet li teleworking jaghmel parti mill-*Family Friendly Measures* fejn sahansitra jekk it-tfal ikunu ma jifilhux itik l-opportunita' li tiehu hsiebhom. Is-Sur A. Zammit qal li dawn il-mizuri kollha ma jafx bihom u jekk hemm xi kopja x'imkien jixtieq ikollu. Qal ukoll li mbilli meta jkun hemm bzonn twassal li xi hadd l-iskola jew ikunu ma jifilhux tiehu hsieb xi hadd mit-tfal, ma jimpurtax imma ta' kuljum ma jaqbilx. Kompla jghid li jekk trid is-SE taghzel li taqa' fuq ir-reduced. Is-Sur M. Spiteri qal li l-Kunsill ma jaqbillux li s-SE jaqa' fuq *reduced* ghax ikun hemm inqas hin fejn qed jinghata xoghol. Barra minn hekk fiehem is-Sur JD lis-Sur Zammit, l-Family Friendly Measures huma mizuri ghall-beneficcju ta' kulhadd u kulhadd jista' jaghmel uzu minnhom. Is-Sur A. Zammit qal li mela jekk hu hekk jitlob it-*teleworking* ir-ragel tas-Sinjura Mifsud. Is-SE qalet li fl-ewwel lok ma taffordjax taqa' fuq reduced hours ghax hi b'erba' t'itfal ghandha wisq spejjez u fit-tieni lok, ir-ragel taghha ma jafx jiehu hsieb tfal zghar, bilkemm il-kbar ghax ma jinqalax.

Is-Sur SC qal li l-mod kif hadmet s'issa s-SE qatt ma ta problem u dejjem ghamlet xogholha u lahqet xogholha ghaldaqstant ma jarax ghalfejn il-Kunsill m'ghandux jgeddilha dan l-agreement. Qal li la m'hemmx qbil unanimu ha jghaddi ghall-votazzjoni.

B' 7 voti favur u 2 kontra it-*teleworking agreement* tas-Sinjura Mifsud giet approvat li jiggedded.

**8. DISKUSSJONI U GHAZLA *EU CONSULTANT***

Il-Bord tal-Evalwazzjoni kompost minn Alex Mangion, Ralph Cassar u John Debono wasal ghall-konkluzjoni li s-Sinjura Gabby Mallia hija l-ahjar konsulent ghat-tfittxija ta' EU Funds ghall-progetti kbar filwaqt li ghall-Progetti zghar l-ahjar konsulent hu s-Sur Alfred Triganza. Dawn it-tnejn ghandhom jigu msejjha ghall-laqgha nhar il-Gimgha, 16 t'Ottubru fil-11 ta' filghodu.

**9. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur SC ressaq dawn il-punti:

- Li ha jiltaqa' ma' Transport Malta fuq il-lights ta' Triq l-imdina hdejn AFS.
- Talab biex jigi konkluz il-process ta' ffirmar tal-Petizzjoni tal-Istorbju
- Li gie avvicinat habba d-devoluzzjoni tal-Berga.

Is-Sur MS ressaq dawn il-punti:

- Talab permess biex student tas-Systems of Knowledge jahdem fuq progett ta' Heritage Trail. Il-Kunsill qabel.
- Saqsa fuq il-junction box ta' Triq in-Nutar Zarb minhabba li ma tohrogx minn Karm Debono.
- Fakkar fuq l-*isleeping policeman* ta' Triq il-Gradilja. Is-SE qalet li tista' ssir iktar il-quddiem vicin Triq il-Pitkali.
- Fakkar fuq gebel impoggi l'hemm u l'hawn loose fi Triq il-Ponsjetta u Znuber u li fuqhu kien kellem lis-Sur P. Caruana

Is-Sur JD ressaq dawn il-punti:
- Saqsa jekk tal-filming li kienu qed jokkupaw il-parking ta' hdejn Scotts tawx donazzjoni lill-Kunsill. Is-SE qalet li iva taw donazzjoni ta' € 500.
- Saqsa fuq il-progett ta' bankini u konok ta' Triq Santa Katerina. Is-Sur SC qal li TM m'accettatx il-progett kif sottomess mill-Kunsill u li hu ghandu jkellem lis-Sur Muscat.

Is-Sur AZ ressaq dawn il-punti:
- Saqsa fuq hajt fil-Wied ta' Rmiedi u gie nfurmat li ma tkompliex ghax kien hemm *enforcement* fuqu.
- Li tinzara sigra flok wahda li mietet fi Triq Victor Vassallo.

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:
- Qal li l-kawza tal-barriera giet differita ghall-5 ta' Novembru.
- Li kienet ideja tajba li jintbaghtu nviti lill-kulhadd.
- Saqsa f'hiex waslu s-sinjali 'Share the Road'. Is-SE qalet li ordnati.
- Li l-kotba tal-Kullana Kulturali ttiehdu l-Librerija Pubblika u dawn ga nhadmu.

Is-Sur AM ressaq dawn il-punti:
- Talab li jigi re-printed il-Ktieb ta' Henry Frendo
- Saqsa f'hiex waslet it-talba lil Transport Malta fuq Triq Victor Vassallo. Intbaghtu xi pjanti minn TM li gew accettati mill-Kunsill.
- Saqsa ghala l-lampi qed idumu biex jissewwew. Tal-arbli jdumu imma tal-Kunsill mhux daqshekk.
- Saqsa jekk il-lights fi Triq in-Nutar Zarb jistghux jimxu?

Is-Sinjura CS ressqet dawn il-punti:
- Ghaddiet rapport qasir fuq il-mawra taghha fi Brussels.
- Talbet l-approvazzjoni sabiex f'Novembru ssir quddiesa mill-Kunsill ghar-ruh il-mejtin kollha. Kulhadd qabel.
- Jekk jistghux jizdiedu servizzi ohra li jinghataw mill-Kunsill fuq il-Kalendarju tal-Gbir ta' Skart bhal-hinijiet tal-Berga.
- Ressqet rapport ta' kif ghandha titranga l-pjazza ta' hdejn il-Knisja.

Il-laqgha giet aggornata ghat-Tlieta, 17 ta' Novembru 2015 fil-5.30 ta' filghaxija.

________________________ ____________________

Sindku Data